DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2325

tal-24 ta' Novembru 2022

li ma tapprovax il-1,2-benżisotijażol-3(2H)-on (BIT) bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 10 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1), il-punt (b) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), fit-22 ta' Diċembru 2009, ġiet sottomessa applikazzjoni lill-awtorità kompetenti ta' Spanja, għall-approvazzjoni tal-1,2-benżisotijażol-3(2H)-on (BIT) għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 10, preservattivi tal-ġebla tax-xogħol tal-bini, kif deskritti fl-Anness V ta' dik id-Direttiva, li jikkorrispondu mat-tip ta' prodott 10, preservattivi għal-materjal tal-bini, kif deskritt fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(2) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 90(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, l-applikazzjonijiet sottomessi għall-finijiet tad-Direttiva 98/8/KE li l-evalwazzjoni tagħhom mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 98/8/KE ma tkunx tlestiet sal-1 ta' Settembru 2013 għandhom jiġu evalwati mill-awtoritajiet kompetenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.

(3) Fl-1 ta' Ottubru 2019, matul l-evalwazzjoni tas-sustanza attiva mill-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni, l-applikant irtira l-applikazzjoni tiegħu u ma baqax jitlob l-approvazzjoni tal-BIT bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 10.

(4) Il-BIT mhuwiex inkluż għall-prodotti tat-tip 10 fl-Anness II tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 ([3]), li jelenka l-kombinamenti ta' sustanza attiva/tip ta' prodott inklużi fil-programm ta' ħidma għall-eżaminazzjoni tas-sustanzi attivi bijoċidali eżistenti li jinsabu fil-prodotti bijoċidali. Għalhekk, il-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 10 li fihom il-BIT mhumiex koperti mid-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 89(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u għalhekk ma jistgħux jitqiegħdu għad-dispożizzjoni jew jintużaw fis-suq tal-Unjoni.

(5) Madankollu, f'konformità mad-dispożizzjoni tranżizzjonali stabbilita fl-Artikolu 94(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, oġġett ittrattat bi, jew li intenzjonalment jinkorpora prodott bijoċidali wieħed jew aktar li jkun fih biss sustanzi attivi li qed jiġu eżaminati għat-tip ta' prodott rilevanti fil-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 89(1) ta' dak ir-Regolament fl-1 ta' Settembru 2016 jew li għalihom tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-approvazzjoni għat-tip ta' prodott rilevanti sa dik id-data, jew ikun fih biss kombinazzjoni ta' tali sustanzi u sustanzi attivi inklużi fil-lista mfassla skont l-Artikolu 9(2) ta' dak ir-Regolament għat-tip ta' prodott u l-użu rilevanti jew inklużi fl-Anness I, jista' jiddaħħal fis-suq sad-data, meta d-deċiżjoni tiġi adottata wara l-1 ta' Settembru 2016 li ma tapprovax waħda mis-sustanzi attivi għall-użu rilevanti li taqa' 180 ġurnata wara tali deċiżjoni.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

([2]) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).

(6) Billi l-applikant irtira l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-BIT għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 10, ma hemm l-ebda prodott bijoċidali li jrid jiġi evalwat. Għaldaqstant, l-awtorità kompetenti ma ffinalizzatx ir-rapport ta' valutazzjoni u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma ppreparatx opinjoni. Fl-aħħar nett, peress li ma hemm l-ebda prodott bijoċidali tat-tip ta' prodott 10 li fih il-BIT li jista' jkun mistenni li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 19(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament mhumiex issodisfati. Meta wieħed iqis ukoll il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-oġġetti ttrattati bil-BIT jew li intenzjonalment jinkorporaw il-BIT għall-prodotti tat-tip 10 ma jibqgħux jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, huwa xieraq li l-BIT ma jiġix approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 10.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-1,2-benżisotijażol-3(2H)-on (BIT) (Nru KE: 220-120-9; Nru CAS: 2634–33–5) mhuwiex approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 10.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN